MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2892/2002

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**

**Vs**

**Mario Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlieta u erbghin lira Maltija (Lm43), bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Simon Galea Testaferrata in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlieta u erbghin lira Maltija (Lm43), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------